**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 t'Ottubru 2024**

Rikors Numru: 663/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2445/2014)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (14/08/2014) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);
2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewg ulied, D li twieldet nhar it-tmintax ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (18/08/2015) u E li

twieled nhar l-erbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (14/09/2017);

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo, nhar l-ghaxra ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (10/05/2023) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B), anke jekk kif jirrizulta mill-istess kuntratt, huma kienu ilhom jghixu separati de facto sa minn Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022);

4. Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rregolaw il-manteniment tal-minuri, liema manteniment dejjem thallas mir-Ragel u dwar liema m'hemm ebda pendenzi u/jew arretrati;

5. Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu. manteniment minghand xulxin;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet għandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija huma kkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat Dok C, u jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad- divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi l-esponenti tixtieq li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia' F;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

2. Tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'F’;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal- partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi l-konvenut ma jopponiex ghat-talba maghmula mir-rikorrenti martu ghal hall taz-zwieg taghhom u jaqbel illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti kif korrettament senalat mir-rikorrenti fit-talba promotur taghha. Illi l-konvenut qieghed jannetti l-affidavit tieghu bil-lingwa Ngliza dwar daqshekk (Dok. CP).

2. Illi l-konvenut ma jopponiex ghat-talba maghmula mir-rikorrenti martu ghal biex hija tirriverti ghal kunjomha xbubita, ossija ”F”;

3. Illi l-konvenut m’ghandux pero jbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri peress illi t-talba odjerna giet promossa mir-rikorrenti u ghandhom jigu mhallsa minnha.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta’ Jannar 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta’ Mejju 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat it-talba tar-rikorrenti sabiex tirreverti għall-kunjom tagħha ta' xebba ossija "F". Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "F", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.